# Salvu Psaila (1798 – 1871)

## *Skultur - Statwarju - Marmista*

Joe Brincat

Meta fil-festa tagħna tibda ħierġa l-purċissjoni, innies li jkunu nġemgħu fil-pjazza quddiem il-knisja, jkunu qegħdin jistennew bil-ħerqa, biex jaraw ilvara maestuża tal-patruna tagħna Sant Elena, biex jammirawha. U nifhem, aktar u aktar din is-sena tal-175 anniversarju minn meta saret. Din l-istatwa hi xogħol u kapulavur tal-iskultur Salvu Psaila, imwieled Bormla, imma li tista' tgħid huwa Karkariż addottat, ghax f'Birkirkara għex it-tieni nofs ta' ħajtu.



*L-att notarili biex issir l-istatwa ta' S. Liena*

Salvu Psaila kien iben Tumas Psaila u martu Margarita, imwielda Galea. Ommu twieldet in-Nadur, Għawdex. Kemm l-omm kif ukoll il-missier kienu joqogħdu f'dik il-parroċċa meta żżewġu fis-27 ta' Novembru, 1784 fin-Nadur. L-ewwel tliet ulied li kellhom, Lorenzo, u żewġt ibniet Maria u Maria Ursola twieldu n-Nadur. Wara, il-familja Psaila kienet ġiet toqgħod f'Malta, propju f'Bormla, fejn fl-20 ta' Jannar 1798 twieled Salvatore u ġie mgħammed l-għada.

Meta kellu madwar 30 sena, insibu li Salvatore kien mar joqgħod il-Furjana meta din kienet għadha mhux parroċċa, però kellha bħala viċi kurat lil Dun Tumas Psaila, li kien jiġi l-kuġin ta' Salvatore. F'Ottubru tal-1829, huwa żżewweġ lil Lorenza Vella u fl-1831 kellu l-ewwel iben, Franġisku. Fl-1835 Salvu mar joqgħod f'Birkirkara fejn kellu tifel ieħor, Tumas. Fl-1841, martu mietet fl-età żgħira ta' 30 sena.



*Il-Palazz ta' Santa Liena f'Ħas-Sajjied*

Skont P. P. Castagna, Salvu Psaila kien alliev ta' Marjanu Gerada u taħtu xorob is-sengħa tal-iskultura fl-istil barokk. Salvu għex fi żmien meta l-iskultur Xandru Farrugia ħadem l-istatwa tal-Lunzjata għal Ħal Tarxien u meta Pietru Pawl Azzopardi ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju għal Bormla. L-istess Marjanu Gerada li taħtu tħarreġ Psaila, ħadem l-istatwa ta' San Mikiel għall-knisja Kolleġġjata tal-Immakulata ta' Bormla.

Sadattant kienu bdew ħerġin ukoll statwi u



*Bust ta' Vincenzo Borg fl-Awla Kapitulari*



*Statwa tal-Madonna tal-Karmnu - Żurrieq*

xogħlijiet oħra ta' skultura minn idejn l-istess Salvu. Fl-1830 għamel statwa tar-Redentur għall-Fratellanza tal-Kurċifiss Ta' Ġieżu l-Belt, li madankollu saret oħra minflokha fl-1889. Is-sena ta' wara għamel fl-injam l-istatwi tal-Marbut u l-Eċċe Homo għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu. Fl-1832 għamel statwa tal-ġebel ta' San Publiju għall-Furjana (aktar tard fl-1853 kien għamel statwa oħra tal-istess qaddis li tinsab mal-kantuniera tad-Dwana l-antika) u fl-1833 skolpixxa fl-irħam bust tal-Armirall Ingliż Thomas Fremantle, f'monument li jinsab fil-barrakka ta' fuq il-Belt Valletta. Tal-istess sena hija l-istatwa tal-injam ta' Kristu Rxoxt tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu.

Għalhekk Salvu Psaila kien diġà magħruf sewwa meta fis-26 ta' Awwissu tal-1833 għamel kuntratt mal-Patrijott Karkariż u Malti, il-Kavallier Vincenzo Borg, magħruf popolarment bħala Brared, biex jagħmel statwa ta' Santa Liena għall-knisja kolleġġjata. F'dan il-kuntratt Brared kien intrabat li jħallas lil Psaila 600 skud għall-istatwa ta' Santa Liena. Kien wiegħdu wkoll rigal ieħor jekk ir-riżultat kien ikun verament għall-għoġba tiegħu.

Fl-1835, Salvu u l-familja kienu ġew joqogħdu Birkirkara u kien f'Birkirkara stess li ħadem l-istatwa maestuża ta' Sant'Elena, f'dar ta' villeġġatura sinjorili f'Ħas-Sajjied, li minn dak iż-żmien, baqgħat magħrufa mal-Karkariżi bħala *l-Palazz ta' Santa Liena*.

Jidher li Psaila u Borg kienu waslu wkoll għal xi tip ta' ftehim biex issir statwa ġdida tal-Madonna tar-Rużarju għal Birkirkara. Imma Vincenzo Borg miet tista' tgħid dakinhar stess li l-istatwa ta' Santa Liena ddaħħlet fil-knisja. Il-qraba ta' Borg jidher li riedu jkomplu din ix-xewqa ta' zijuhom, iżda jidher li ma mmaterjalizza xejn, għax l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Birkirkara hija l-istess waħda li kienet saret fl-1694, kważi seklu u nofs qabel.

Biss l-istess neputijiet, dik il-ħabta ftehmu ma' Psaila biex jagħmlilhom bust tal-ġebel tal-Kavallier Vincenzo Borg, bust li kien dam jintiret għand qrabatu sakemm xi 20 sena ilu kien ingħata lill-Kolleġġjata u llum jinsab fl-Awla Kapitulari. Ġieli tiġi attribwita wkoll lil Psaila l-istatwa tal-korp-sant tal-hekk magħruf San Kostantinu Martri li tinsab f'niċċa fuq l-altar tal-kappella tad-Duluri f'Birkirkara wkoll.

Wara li kien ħadem l-istatwa ta' Santa Liena, Salvu Psaila għamel kuntratt għand in-Nutar Paolo Farrugia fis-26 ta' Ottubru, 1840, mal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq li kkummissjonawh biex jaħdem fl-injam l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu għal dik il-parroċċa. Huwa lestiha sentejn wara.



Statawa ta' S. Andrija - Bormla



Statwa tal-Kunċizzjoni - Patrijiet Franġiskani, Victoria, Għawdex

Fratellanza oħra li kkummissjonat lil Psaila biex jaħdmilha statwa fl-injam, kienet dik ta' Sant' Andrija ta' Bormla. F'din l-istatwa Salvu Psaila kien impressjonanti fl-espressjoni tal-anatomija umana li wera fiha. Huwa lesta l-istatwa fl-1844.

Il-kapaċità ta' Salvu Psaila kienet magħrufa sewwa, għalhekk il-Patrijiet Franġiskani, li kienu fir-Rabat Għawdex, ikkummissjonawh biex jaħdem statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni għall-kunvent tagħhom. Għad li ma nstabux kopji ta' xi kuntratt, jidher li din l-istatwa maħduma fl-injam, swiet madwar 400 skud li jinkludu l-materjal, il-ħlas tal-iskultur u l-induratura. L-istatwa x'aktarx inħadmet fis-sena 1848 u ħadimha f'Birkirkara fejn kien baqa' joqgħod sa ma miet.

Wara din l-istatwa, Psaila ħadem statwi oħra, iżda wara l-livell u l-kunsensi li kien kiseb speċjalment bl-istatwi ta' Sana Liena, il-Madonna tal-Karmnu u l-Kunċizzjoni, dawn ma komplewx ikkabbrulu l-fama tiegħu, però baqa' jgawdi stima kbira minn kulħadd. Fis-sena 1857, qamet kwistjoni bejn l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi u l-Fratellanza tal-Kurċifiss fil-paroċċa ta' Bormla, dwar l-istatwa tar-Redentur. Dak iż-żmien il-Qorti Ċivili ta' Malta, fil-31 ta' Ottubru, 1857, innominat lil Psaila flimkien ma' żewġ artisti oħra, Pawlu Micallef u Anton Falzon, biex jagħti l-fehma tiegħu dwar il-materja. Ir-rapport kien iffirmat fis-17 ta' Novembru, 1857.

Bil-għajnuna ta' ibnu Franġisku, huwa ħadem diversi statwi u monumenti fl-irħam, fiż-żonqor jew fil-ġebla. Jingħad li kellu l-ħila jagħti l-kulur fuq l-irħam li jippenetra sa tiet linji ta' pulzier. F'din il-linja ta' marmista, rridu nfakkru wkoll li l-altar ewlieni tal-Kolleġġjata u Bażilika Elenjana hu opra oħra ta' Salvu Psaila. Dan l-iskultur intrabat b' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Gatt Testaferrata, nhar il-25 ta' Settembru 1854, li għall-ħlas ta' 514 il-skud kellu jtemm u jqiegħed f'postu mhux biss dan l-iskannell imma t-taraġ tiegħu tal-irħam ukoll, u dan kellu jagħmlu fl-iqsar żmien possibbli. Din hi opra oħra singulari li fiha Psaila għamel użu minn 16 il-kwalità ta' rħam, fosthom il-biċċa tan-nofs tal-granit aħmar, u rħam finissimu ieħor bħall-agata orjentali.



Reġistrazzjoni tal-mewt ta' Salvu Psaila



*L-Altar Maġġur tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara*

Dwaru jingħad ukoll li għamel madwar 170 monument f'dan it-tip ta' xogħol. Psaila kien imfittex ukoll għal xogħol dekorattiv fi djar privati. L-iskultur u marmista Salvu Psaila miet f'Birkirkara fit-12 ta' Novembru, 1871 fl-età ta'73 sena fid-dar fejn kien joqgħod, 86 Triq il-Wied. Kien sarlu funeral xieraq u ġie midfun fil-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara.